**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-24 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 217/2023 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**JG**
**U**
**GJ**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' JG u GJ datat 18 t'April 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewwgu nhar is-sbatax (17) ta' Frar elf disgha mija u sitta u disghin (1996) certifikat anness;*

*Illi l-esponeneti kkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Marco Farrugia data sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tifla, illum maggiorenni;*

*Illi presenzjalment, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa minn ftit qabel ma gie ppublikat il-kuntratt imsemmi, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi ai termini tal-kuntratt precitat l-esponenti GJ kellha tithallas (Lm 1.00) zewg Ewro u tlieta u tletin centezmu (€2.33) fix-xahar ghall-liema manteniment hija qieghda a tenur ta' artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tirrinunzja irrevokabbilment u definittivament;*

*Illi mill-fuq premess isegwi illi huma sodisfatti l-kwesiti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-sbatax (17) ta' Frar elf disgha mija u sitta u disghin (1996), u dana billi huma sodisfatti il-kweziti ta' l-Artikolu 66B(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in nota tal-partijiet u l-affidavits minnhom prezentati (Vide Fol 8).

Rat il-verbal kongunt tal-partijiet li permezz tieghu gie dikjarat li l-partijiet ma ghandhomx aktar provi x'jipproduci u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JG xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-17 ta' Frar 1996 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 26 t'Awwissu 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

GJ xehdet (vide Fol 9) u kkonfermat u kkorroborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Frar 1996, liema zwieg jgib certifikat numru 131/1996 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed, illum maggiorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-

Nutar Dr Marco Farrugia nhar is-26 t'Awwissu 1999 (vide fol 2 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 131/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**